Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,874, 23 ta' Novembru, 1999
Taqsima B

A.L. 199 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 6), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Raba' Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1999.

Ħassar il-partiti 4 u 10 tat-Taqsima Tnejn u l-partita 7 tat-Taqsima Tlieta ta' l-Iskeda.

2. Il-partiti 4 u 10 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda u l-partita 7 tat-Taqsima Tlieta tagħha għandhom jitħassru.

Jenumera mill-ġdid il-partiti 5 sa 9 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda.

3. Il-partiti 5 sa 9 tat-Taqsima Tnejn ta'l-Iskeda għandhom jiġu enumerati mill-ġdid 4 sa 8 rispettivament.

Iżid il-partita 9 ġdida mat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda.

4. Minnufih wara l-partita 8 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda kif rinumerata, għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"9. Servizzi postali

Il-provvista ta' servizzi postali pubbliċi u ta' oġġetti inċidentali għalihom.".